

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 29.9.2010
KUMM(2010) 494 finali

2010/0257 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Programm biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata

SEG(2010) 1097 final

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Fl-10 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea - COM(2007) 575 ('Blue Paper'). Din il-Komunikazzjoni tkellmet favur il-ħtieġa għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika integrata, koerenti u magħquda ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-oċeani, l-ibħra, ir-reġjuni kostali u s-setturi marittimi. Għalhekk, il-Politika Marittima Integrata tippromwovi approċċ trans-settorjali għall-governanza marittima. Hija trawwem l-identifikazzjoni u l-isfruttar ta' sinerġiji bejn il-linji politiċi kollha tal-UE relatati mal-oċeani, l-ibħra, ir-reġjuni kostali u s-setturi marittimi – jiġifieri l-linji politiċi dwar l-ambjent, l-affarijiet marittimi, it-trasport, l-enerġija, ir-riċerka, l-industrija, is-sajd u l-politika reġjonali.

Il-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni – SEC(2007) 1278 jistabbilixxi għadd ta' azzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea pproponiet li tiegħu bħala l-ewwel pass fl-implimentazzjoni ta' politika marittima ġdida u integrata għall-Unjoni Ewropea. Wara stedina tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2007, li approva l-Politika Marittima Integrata tal-UE¹, nhar il-15 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni adottat Rapport tal-Progress dwar il-Politika Marittima Integrata tal-UE.² F'dan ir-Rapport tal-Progress, il-Kummissjoni ġabret il-kisbiet ewlenin tal-Politika Marittima Integrata (IMP - Integrated Maritime Policy) u wittiet it-triq għall-fażi ta' implimentazzjoni tagħha li jmiss.³

Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Novembru 2009, il-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali għamel enfasi fuq l-importanza tal-finanzjament għall-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni tal-IMP billi stieden 'lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti meħtieġa għall-finanzjament ta' azzjonijiet tal-politika marittima integrata fi ħdan il-Perspettiva Finanzjarja eżistenti, bil-ħsieb li jiddaħħlu fis-seħħ sal-2011'.

L-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata fuq il-linji stabbiliti mill-Kummissjoni u approvati mill-Kunsill jinsabu f'riskju minħabba li ma hemmx mezzi biżżejjed biex jiġu ffinanzjati l-azzjonijiet meħtieġa matul il-bqija tal-perjodu (2011 – 2013) tal-Perspettiva Finanzjarja attwali. Sa issa, l-azzjonijiet tal-IMP kienu qegħdin jiġu ffinanzjati fuq il-bażi tal-Artikolu 49 (6) (a) u (b) tar-Regolament Finanzjarju, u l-Artikolu 32 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu, li jipprovdu għall-finanzjament ta' skemi pilota u proġetti preparatorji.⁴ L-iskemi pilota u l-azzjonijiet preparatorji relatati mal-Politika Marittima Integrata jistgħu jiġu ffinanzjati biss sal-aħħar tal-2010.

¹ Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew fl-14 ta' Diċembru 2007 – Dok. 16616/1/07 REV 1.

² COM(2009) 540 tal-15 ta' Ottubru 2009.

³ Dan ir-Rapport tal-Progress kien akkumpanjat minn Dokument tal-persunal tal-Kummissjoni - SEC (2009) 1343 li ppreżenta fid-dettall il-progress li sar sa issa fuq l-entrati tal-Pjan ta' Azzjoni adottat f'Ottubru 2007.

⁴ Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 390/2006 tat-30 ta' Diċembru 2006), li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ 'ir-Regolament Finanzjarju' u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 478/2007 tat-23 ta' April 2007 li jemenda r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23.12.2002 tal-Kummissjoni li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-eżekuzzjoni tar-Regolament (KE, Euratom)

Hemm bżonn ta' bażi finanzjarja modesta u kontinwa sabiex l-UE tkun tista' timplimenta u tkompli tiżviluppa l-Politika Marittima Integrata u ssegwi l-għanijiet prijoritarji kif stabbiliti fil-Blue Paper tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2007, ikkonfermati fir-Rapport tal-Progress ta' Ottubru 2009, u approvati mill-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2009. Dan il-finanzjament se jippermetti lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet interessati, biex ikomplu x-xogħol esploratorju li diġà beda permezz ta' azzjonijiet preparatorji u proġetti pilota, u biex ikomplu jiżviluppaw u jikkonkretizzaw l-għażliet għall-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata fuq il-linji stipulati fir-Rapport tal-Progress tal-15 ta' Ottubru 2009.

2. EVALWAZZJONI EX ANTE

Din il-proposta leġiżlattiva ma tiddefinixxi ebda politika ġdida u lanqas ma tistabbilixxi xi miri ġodda. F'dan l-istadju mhux mistenni li jkun hemm impatt sinifikanti jew implikazzjonijiet politiċi ġodda. Huwa għalhekk li l-proposta mhijiex akkumpanjata minn Valutazzjoni tal-Impatt. Jekk xi miżuri ta' segwitu x'aktarx li jkollhom impatt sinifikanti jew implikazzjonijiet politiċi, dawn ikunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet speċifiċi tal-impatt.

Il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ex-ante tal-aktar aspetti dettaljati tal-Programm ta' finanzjament propost skont l-Artikolu 27 (4) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 21 (1) tar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu. Din l-evalwazzjoni ex-ante, li takkumpanja l-proposta leġiżlattiva, tagħti, fost l-oħrajn, ħarsa ġenerali lejn il-Programm ta' finanzjament propost. Hija tagħti attenzjoni partikolari lill-kuntest politiku, id-definizzjoni tal-problema, l-għanijiet ewlenin tal-Programm, il-valur miżjud tal-involvement finanzjarju tal-Komunità u l-għażliet/alternattivi politiċi ewlenin li għandhom jiġu vvalutati.

It-tliet alternattivi politiċi identifikati fl-evalwazzjoni ex-ante huma dawn li ġejjin:

1. Li ma tittieħed ebda azzjoni ulterjuri;
2. Kontribuzzjoni finanzjarja modesta tal-UE, f'livell oġġla b'mod raġonevoli meta mqabbla mal-proġetti pilota u preparatorji sa issa, għall-esplorazzjoni ulterjuri tal-għażliet u l-implimentazzjoni stabbli tal-IMP hekk kif tiżviluppa;
3. Finanzjament komprensiv.

Dawn it-tliet għażliet politiċi ewlenin ġew ikkunsidrati għad-direzzjonijiet strateġiċi tal-IMP li ġejjin⁵:

- Governanza marittima integrata fil-livelli kollha;
- Aktivitajiet fir-rigward tal-baċiri tal-baħar;
- Għodod trasversali għat-Tfassil tal-Politika Integrata;

Nru 1605/2002 tal-Kunsill dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁵ Rapport tal-Progress tal-Kummissjoni dwar il-Politika Marittima Integrata tal-UE – COM(2009) 540 finali tal-15.10.2009, p. 11-12 u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea – SEC(2007) 1278 tal-10 ta' Ottubru 2007.

- Id-definizzjoni tal-limiti tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet umani fil-qafas tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima;
- Il-promozzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-IMP u t-tmexxija tal-Ewropa f'dan il-qasam;
- It-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi u l-innovazzjoni;
- Iż-żieda tal-viżibbiltà tal-Ewropa marittima;

Kull għażla politika disponibbli ġiet ivvalutata skont il-kriterji li ġejjin: (i) l-effikaċja tal-għażla fil-ksib ta' għanijiet partikolari u l-benefiċċji korrispondenti; (ii) il-fattibilità tal-għażliet magħżula; (iii) l-implikazzjoni tal-ispejjeż għall-baġit tal-UE.

Is-sejbiet ewlenin huma mqabbla fit-tabella ta' hawn taħt:

<u>VALUTAZZJONI</u>	<u>Effikaċja fil-ksib ta' għanijiet partikolari u l-benefiċċji korrispondenti</u>	<u>Fattibbiltà</u>	<u>Implikazzjoni tal-ispejjeż għall-baġit tal-UE</u>	<u>Valutazzjoni ġenerali</u>
<u>GĦAŻLIET</u>	Għolja (+++) Medja (+/-) Baxxa (---)	Għolja (+) Medja (+/-) Baxxa (-)	Pożittiva (+għal+++) Negattiva (-għal---)	Pożittiva (+għal+++) Negattiva (-għal---)
<u>Għażla 1</u> Ebda azzjoni speċifika	---	+	Approprjazzjonijiet - Riżorsi Umani - Nefqa amministrattiva -	-
<u>Għażla 2</u> Kontribuzzjoni finanzjarja modesta tal-UE	+++	+	Approprjazzjonijiet + Riżorsi Umani + Nefqa amministrattiva +	+
<u>Għażla 3</u> Finanzjament komprensiv	+++	-	Approprjazzjonijiet +++ Riżorsi Umani ++ Nefqa amministrattiva ++	-

Ma tittieħed ebda azzjoni ulterjuri (Għażla 1):

Jidher ċar li Għażla 1 hija waħda fattibbli u li ma hemm ebda implikazzjoni tal-ispejjeż għall-baġit tal-UE. Min-naħa l-oħra, li ma tittieħidx azzjoni ulterjuri, f'termini tan-nuqqas ta' finanzjament ta' azzjonijiet u attivitajiet fuq il-Politika Marittima Integrata għall-perjodu 2011-2013, ikun ifisser li ma jinkisbux l-għanijiet speċifiċi u ġenerali partikolari tal-Programm.

Min-naħa tiegħu, dan jimplika li l-Kummissjoni mhijiex sejra tilħaq l-għanijiet politiċi stabbiliti fil-Blue Paper tagħha ta' Ottubru 2007, ikkonfermati fir-Rapport tal-Progress ta' Ottubru 2009 u approvati mill-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2009. Dan il-falliment huwa biżżejjed sabiex tiġi eskluża Għażla 1.

Kontribuzzjoni finanzjarja modesta tal-UE (Għażla 2):

Din għandha impatt fuq il-baġit tal-UE. Min-naħa l-oħra, Għażla 2 tippreżenta diversi vantaġġi. Hija għażla fattibbli u kost-effettiva, li għandha tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ksib tal-għanijiet deskritti fis-sezzjoni 2.3. Hija għandha tippermetti lill-UE tkompli tesplora l-għażliet għall-iżvilupp ulterjuri tal-IMP u tibda timplimenta permezz ta' azzjoni konkreta f'ċerti oqsma. Din l-għażla għandha b'hekk tiżgura l-implimentazzjoni soda u rapida tal-Politika Marittima Integrata fuq medda ta' żmien qasir kif ukoll fit-tul.

Finanzjament komprensiv (Għażla 3):

Din l-Għażla sejra tagħmel ħafna biex tgħin b'mod konsiderevoli lill-Kummissjoni tilħaq l-għanijiet u l-prijoritajiet partikolari għall-IMP. Min-naħa l-oħra, Għażla 3 mhijiex possibbli f'dan l-istadju. Din l-għażla mhijiex politikament fattibbli minħabba li, f'dan l-istadju ta' żvilupp tal-IMP, ma jkunx possibbli li jitħallsu ammonti sostanzjalment ogħla minn dawk diġà previsti. Dan minħabba li la l-Istati Membri u lanqas il-Kummissjoni ma għandhom għażliet politiċi konkreti li fuqhom jistgħu jintefqu l-flus addizzjonali. Il-Kummissjoni lanqas ma għandha r-riżorsi umani meħtieġa biex tamministra dan il-finanzjament komprensiv. Barra minn hekk, ma jkunx għaqli li jiġi implimentat finanzjament komprensiv mingħajr ma l-ewwel jiġu ttestjati l-kunċetti fuq skala aktar limitata.

Konsegwentement, meta wieħed iqis il-limitazzjonijiet tal-għażliet 1 u 3 u l-interess qawwi tal-Komunità sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-IMP fuq medda ta' żmien qasir sa medju, is-soluzzjoni xierqa tidher li hija kontribuzzjoni finanzjarja modesta tal-UE biex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet tal-IMP fuq il-Politika Marittima Integrata għall-perjodu 2011-2013.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Bażi legali

Il-Politika Marittima Integrata tal-UE ma għandha ebda bażi legali espliċita fit-Trattat. Madankollu, hija tkopri ħafna linji politiċi settorjali tal-UE relatati mal-ibħra u l-kosti, bħas-sajd, il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, it-trasport, l-industrija, il-koeżjoni territorjali, ir-riċerka, l-ambjent, l-enerġija u t-turiżmu. Huwa għalhekk li l-att leġislattiv propost huwa bbażat fuq l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 74 u 77(2), l-Artikolu 91(1) u 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2) u l-Artikolu 195(2).

3.2. Sussidjarjetà u Proporzjonalità

Kif enfasizzat fil-Blue Paper ta' Ottubru 2007 u l-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanjah, kwalunkwe azzjoni tal-UE li għandha l-għan li tkompli tiżviluppa u timplimenta l-Politika Marittima Integrata għandha tiġi segwita bir-rispett dovut għall-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Fil-qasam tal-Politika Marittima Integrata, il-bażi loġika għal azzjoni fil-livell tal-UE tirriżulta min-natura trans-settorjali u transnazzjonali tal-attivitajiet involuti u s-sinerġiji fost il-linji politiċi settorjali. L-għan huwa li tiġi żviluppata strateġija komprensiva għat-tkabbir u s-sostenibbiltà għall-oċeani, l-ibħra, ir-reġjuni kostali u l-elementi trasversali tas-setturi marittimi. Każijiet partikolari inkwistjoni huma l-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-għodod politiċi trasversali u l-azzjonijiet marittimi trans-settorjali, u mad-dimensjoni internazzjonali tal-Politika Marittima Integrata minħabba l-aspetti transkonfinali tagħhom. Dawn l-għodod u attivitajiet jinkludu l-ambjent komuni ta' qsim tal-informazzjoni għall-qasam marittimu tal-UE, l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu, il-ġestjoni integrata taż-żoni kostali u n-network ta' għarfien u data marittima.

L-azzjoni fuq il-livell tal-Unjoni mmirata għall-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata ma taffettwax b'mod negattiv il-miżuri simili li jittieħdu fl-Istati Membri jew fir-reġjuni. Minflok, l-azzjonijiet trans-settorjali meħuda f'livell differenti ta' gvern jikkumplementaw u jtejbju lil xulxin b'mod reċiproku. Il-potenzjal sħiħ għall-aħjar tfassil tal-politika marittima mhuwiex sejjer jinħasad sakemm l-approċċ integrat ma jinxteridx f'kull livell tal-gvern.⁶ Għalhekk, l-azzjoni meħuda fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tal-Politika Marittima x'aktarx li tipproduċi benefiċċji ċari minħabba l-iskala u l-effetti tagħha, imqabbla mal-attivitajiet u l-azzjonijiet segwiti biss fil-livell tal-Istati Membri u r-reġjuni. Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Novembru 2009 dwar ir-Rapport tal-Progress tal-IMP tal-15 ta' Ottubru, il-Kunsill stieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikomplu l-attivitajiet tagħhom bir-rispett dovut għas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, filwaqt li laqa' l-ħidma tal-Kummissjoni u l-Istati Membri, kif ukoll l-orjentazzjonijiet futuri fuq l-IMP.

Skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-prinċipju tal-proporzjonalità, l-azzjoni tal-Unjoni ma għandhiex tmur 'lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet li ġew stabbiliti. Il-proposta preżenti fuq l-IMP tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li, fil-qasam tal-Politika Marittima Integrata, l-azzjoni tal-Unjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex l-għanijiet stabbiliti jintlaħqu b'mod sodisfaċenti. Hija tħalli kemm jista' jkun spazju għal teħid ta' deċiżjonijiet fuq livell nazzjonali, u tirrispetta l-arranġamenti nazzjonali u s-sistemi legali stabbiliti sewwa.

L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni fuq il-Politika Marittima Integrata tagħti valur akbar lill-miżuri li qegħdin jieħdu diġà l-Istati Membri, u tipprovdi riżorsi addizzjonali għal dawk li l-Istati Membri qegħdin jonfqu diġà. Dawn ir-riżorsi huma proporzjonati minħabba li jippermettu lill-Istati Membri, lir-reġjuni jew lill-partijiet interessati reġjonali li jilħqu l-għanijiet tal-Politika Marittima Integrata b'mod aktar effettiv.⁷

⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Linjigwida għal strateġija integrata għall-politika marittima: lejn l-aqwa prassi fil-governanza marittima integrata u l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati"- COM(2008) 395 tad-29.6.2008, p.4.

⁷ Pereżempju, fil-każ tas-sorveljanza marittima integrata, l-intervent tal-UE sejjer ikun limitat sabiex isaffi ta' informazzjoni differenti għas-sistemi eżistenti jsiru interoperabbli u jkun jistgħu jintużaw biex ikopru l-ħtiġijiet identifikati minn qabel tal-komunitajiet utenti kollha fil-livell tal-UE, billi juri rispett massimu għall-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-bini tal-ambjent komuni għall-qsim tal-informazzjoni bl-ebda mod ma għandu jfixxkel l-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni settorjali eżistenti u ppjanati, inkluż

4. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAL-GĦANIJET TAL-PROPOSTA

Hemm bżonn ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm biex jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata. L-għan ġenerali tal-Programm propost huwa li jipprovdi finanzi adegwati biex tkompli tiġi żviluppata u implimentata l-Politika Marittima Integrata. Din l-azzjoni sejra tkun ibbażata fuq il-Blue Paper u l-Pjan ta' Azzjoni adottati mill-Kummissjoni fl-2007, u ssegwi minn azzjonijiet preparatorji u proġetti pilota li għandhom jiġu mnedija minn Jannar 2011 sa Diċembru 2013.

B'mod partikolari, kif tistipula l-proposta fl-Artikolu 1 u l-Artikolu 2, l-azzjonijiet u l-attivitajiet iffinanzjati mill-Programm propost sejin jimmiraw li jgħinu sabiex jintlaħqu l-għanijiet, il-prioritajiet u l-miri li ġejjin stabbiliti fil-Blue Paper tal-2007, ikkonfermati fir-Rapport tal-Progress tal-2009 u approvati mill-Kunsill fis-16 ta' Novembru 2009:

- l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni tal-governanza marittima integrata u l-approċċi integrati fl-Istati Membri u r-reġjuni kostali;
- l-implimentazzjoni soda u rapida tal-istrateġiji integrati tal-baċiri tal-baħar madwar l-Ewropa mfassla għall-ħtiġijiet ta' kull reġjun marittimu;
- l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni ta' għodod trasversali għat-tfassil ta' politika integrata, inkluż in-Netwerk Ewropew ta' Osservazzjoni Marittima u Data, li jintegra s-sorveljanza marittima permezz tat-twaqqif ta' Ambjent Komuni ta' Qsim tal-Infommazzjoni, l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu u l-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali;
- id-definizzjoni ulterjuri, għas-snin li ġejjin, tal-limiti tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet umani li jħallu impatt fuq l-ambjent marittimu, fil-qafas tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima, billi tingħata attenzjoni xierqa għall-impatti kumulattivi tagħhom fuq il-bażi tal-approċċ tal-ekosistema;
- il-promozzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-Politika Marittima Integrata permezz tat-titjib u t-trawwim tad-djalogu, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ma' pajjiżi terzi, inklużi dawk li jmissu ma' baċir tal-baħar Ewropew, jew atturi fil-pajjiżi terzi, kif ukoll ma' msieħba u organizzazzjonijiet internazzjonali fuq il-Politika Marittima Integrata, sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-azzjonijiet żviluppati fil-linji politiċi settorjali;
- it-tqegħid ta' fokus imġedded fuq it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi u l-innovazzjoni;
- iż-żieda tal-viżibbiltà tal-Ewropa Marittima, u l-promozzjoni u l-iffaċilitar tal-qsim tal-infommazzjoni, l-iskambju tal-aqwa Prattiki, l-isfruttament u t-tisħiħ tas-sinerġiji u d-djalogu ma' u fost il-partijiet interessati fuq il-governanza marittima u l-linji politiċi settorjali li jħallu impatt fuq l-oċeani, l-ibħra u l-kosti, jew it-twaqqif ta' pjattaformi u netwerks ta' kooperazzjoni trans-settorjali fuq livell orizzontali u fuq livell tal-baċir tal-baħar.

l-evoluzzjoni tagħhom, sakemm tittieħed f'kunsiderazzjoni l-ħtieġa għall-interoperabbiltà li tippermetti li jsir skambju ta' infommazzjoni ma' sistemi oħrajn rilevanti.

5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Skont ir-Regolament propost, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri tal-Politika Marittima Integrata huwa stabbilit għal EUR 50 000 000 u se jkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013. Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva li takkumpanja l-proposta tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-implikazzjonijiet baġitarji u r-riallokazzjoni tar-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Programm biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 74 u 77(2), l-Artikolu 91(1) u 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 175, l-Artikolu 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2) u l-Artikolu 195(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁸,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat tar-Regjuni⁹,

Wara li ppreżentaw il-proposta lill-Parlamenti nazzjonali,

Billi jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea – COM(2007) 575 tal-10 ta' Ottubru 2007, tgħid li l-għan primarju tal-Politika Marittima Integrata huwa li tiżviluppa u timplimenta politika integrata, koerenti u magħquda ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-oċeani, l-ibħra, ir-reġjuni kostali u s-setturi marittimi.
- (2) Il-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea – SEC(2007) 1278 jistabbilixxi numru ta' azzjonijiet li l-Kummissjoni Ewropea tipproponi li tiegħu bħala l-ewwel pass fl-implimentazzjoni ta' Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea.
- (3) Ir-Rapport tal-Progress dwar il-Politika Marittima Integrata tal-UE tal-15 ta' Ottubru 2009 jiġbor il-kisbiet ewlenin tal-Politika Marittima Integrata sa issa, u twitti t-triq għall-fażi ta' implimentazzjoni tagħha li jmiss.
- (4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Novembru 2009, il-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali għamel enfasi fuq l-importanza tal-finanzjament għall-iżvilupp ulterjuri u l-

⁸ ĠU Ċ, , p. .

⁹ ĠU Ċ, , p. .

implimentazzjoni tal-IMP billi stieden 'lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti meħtieġa għall-finanzjament ta' azzjonijiet tal-politika marittima integrata fi ħdan il-Perspettiva Finanzjarja eżistenti, bil-ħsieb li jiddaħħlu fis-seħħ sal-2011'.¹⁰

- (5) Hemm bżonn ta' bażi finanzjarja kontinwa tal-Unjoni sabiex l-UE tkun tista' timplimenta u tkompli tiżviluppa l-Politika Marittima Integrata skont ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-Politika Marittima Integrata¹¹ u ssegwi l-għanijiet prijoritarji kif stabbiliti fil-Blue Paper tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2007, ikkonfermati fir-Rapport tal-Progress ta' Ottubru 2009 u approvati mill-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali tas-16 ta' Novembru 2009.
- (6) Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jkun imfassal biex jappoġġja l-ħidma esploratorja fuq azzjonijiet li għandhom l-għan li jippromwovu l-għanijiet strateġiċi tal-Politika Marittima Integrata, inkluża l-governanza marittima integrata fil-livelli kollha, l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati għall-baċiri tal-baħar imfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-baċiri tal-baħar differenti tal-Ewropa, id-definizzjoni tal-limiti tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet umani fil-qafas tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima, li tikkostitwixxi l-pilastru ambjentali tal-Politika Marittima Integrata, billi tingħata attenzjoni xierqa għall-impatti kumulattivi tagħhom, fuq il-bażi tal-approċċ tal-ekosistema, l-involvement ulterjuri tal-partijiet interessati fl-iskemi tal-governanza marittima integrata, l-iżvilupp ulterjuri ta' għodod trasversali għat-tfassil tal-politika integrata, il-promozzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-Politika Marittima Integrata, u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività.
- (7) Mhux il-prijoritajiet u l-miri kollha tal-Politika Marittima Integrata huma koperti minn strumenti oħrajn tal-Unjoni, bħall-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Ewropew għas-Sajd, is-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija u, għalhekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri tal-Politika Marittima Integrata (li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ 'il-Programm').
- (8) L-implimentazzjoni tal-Programm fil-pajjiżi terzi għandha tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi benefiċjarju u tkun konsistenti ma' strumenti oħrajn ta' kooperazzjoni tal-UE, inklużi l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-linji politiċi rilevanti tal-UE.
- (9) Il-Programm għandu jikkumplimenta lill-istrumenti finanzjarji eżistenti u futuri magħmulin disponibbli mill-Istati Membri, fuq livell nazzjonali u sub-nazzjonali, għall-promozzjoni tal-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u l-kosti.
- (10) Jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw l-ipprogrammar tal-miżuri, l-eliġibbiltà tal-infiq, il-livell tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet ewlenin li fuqhom għandu jkun disponibbli u l-baġit globali tal-Programm.

¹⁰ Konklużjonijiet tal-Kunsill GAERC dwar il-Politika Marittima Integrata - Dok. 15175/1/09, p. 6.

¹¹ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea – P6_TA(2008)0213.

- (11) Il-Programm għandu jiġi implimentat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ 'ir-Regolament Finanzjarju'^[12] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej^[13].
- (12) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jkun possibbli li jiġi ffinanzjat l-infiq relatat mal-monitoraġġ, il-verifiki u l-evalwazzjoni.
- (13) Il-programmi ta' ħidma annwali stabbiliti għall-implimentazzjoni tal-Programm għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni^[14].
- (14) Fir-rigward tal-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, jeħtieġ li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ^[15], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra ^[16], u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ^[17].
- (15) Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-finanzjament tal-Unjoni, l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu evalwati b'mod regolari.
- (16) Ladarba l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu wehdom u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-Programm, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

¹² *ĠUL 248, 16.9.2002, p. 1.*

¹³ *ĠUL 357, 31.12.2002, p. 1*

¹⁴ *ĠUL 184, 17.7.1999, p. 23.*

¹⁵ *ĠUL 312, 23.12.1995, p. 1.*

¹⁶ *ĠUL 292, 15.11.1996, p. 2.*

¹⁷ *ĠUL 136, 31.5.1999, p. 1.*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi Programm li jappoġġja l-miżuri maħsuba biex ikomplu jippromwovu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata (li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "il-Programm").

Artikolu 2

Għanijiet Ġenerali

Il-Programm għandu jkollu l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

- (a) li jrawwem l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-governanza integrata tal-affarijiet marittimi u kostali u l-istrateġiji integrati tal-baċiri tal-baħar;
- (b) li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-għodod li jinqas fil-linji politiċi settorjali relatati mal-baħar u l-kosta;
- (c) li jappoġġja t-tfassil ta' politika magħquda u li jippromwovi l-użu sostenibbli tar-riżorsi marittimi u kostali u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-innovazzjoni u l-impjiegi fis-setturi marittimi u r-reġjuni kostali, b'koerenza mal-prijoritajiet u l-azzjonijiet tal-politika settorjali;
- (d) li jkompli jiddefinixxi l-limiti tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet umani li jħallu impatt fuq l-ambjent marittimu, fil-qafas tad-Direttiva ta' Qafas dwar l-Istrateġija Marittima;
- (e) li jtejjeb u jżid il-kooperazzjoni esterna u l-koordinazzjoni fir-rigward tal-għanijiet tal-Politika Marittima Integrata.

Artikolu 3

Għanijiet Speċifiċi

- 1. Skont l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(a) (b) (c) (d) il-Programm għandu jimmira li:
 - (a) iħeġġeġ lill-Istati Membri jew reġjuni biex jiżviluppaw jew jintroduċu l-governanza marittima integrata;
 - (b) jistimula u jsaħħa id-djalogu u l-kooperazzjoni ma' u fost il-partijiet interessati fuq kwistjonijiet trasversali relatati mal-Politika Marittima Integrata;
 - (c) jiffaċilita l-isfruttament tas-sinerġiji, il-qsim tal-informazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prattiki dwar il-politika marittima, inkluż il-governanza u l-linji politiċi settorjali li għandhom impatt fuq l-ibħra reġjonali jew ir-reġjuni kostali jew

- (d) jippromwovi n-networks u l-pjattaformi tal-kooperazzjoni trans-settorjali, inklużi interessi mill-industrija, partijiet interessati fil-qasam tar-riċerka, reġjuni, awtoritajiet pubbliċi u NGOs;
 - (e) jiffaċilita l-iżvilupp ta' metodi u approċċi komuni;
2. Skont l-għan stabbilit fl-Artikolu 2(b), il-Programm għandu jimmira li jrawwem l-iżvilupp ta':
- (a) ambjent komuni ta' qsim tal-informazzjoni għall-qasam marittimu tal-UE li jippromwovi attivitajiet ta' sorveljanza trans-settorjali u transkonfinali u jsaħħaħ l-użu sikur u mingħajr periklu tal-ispazju marittimu, billi jieħu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi rilevanti tal-linji politiċi settorjali fir-rigward tas-sorveljanza u jikkontribwixxi, kif xieraq, għall-evoluzzjonijiet meħtieġa tagħhom;
 - (b) Ippjanar tal-Ispazju Marittimu u ġestjoni integrata taż-żoni kostali, li t-tnejn jipprovdu għodda fundamentali għall-ġestjoni bbażata fuq l-eko-sistema u l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni marittimi u r-reġjuni kostali;
 - (c) data marittima komprensiva u aċċessibbli għall-pubbliku u bażi ta' għarfien ta' kwalità għolja li tiffaċilita l-qsim, l-użu mill-ġdid u t-tixrid ta' dawn id-data fost diversi gruppi ta' utenti u tiżgura l-viżwalizzazzjoni tal-informazzjoni marittima permezz ta' għodod ibbażati fuq l-internet;
3. Skont l-għan stabbilit fl-Artikolu 2(e) u filwaqt li jikkomplimenta l-linji politiċi settorjali, il-Programm għandu jimmira li jtejjeb u jżid il-kooperazzjoni għall-azzjonijiet trans-settorjali integrati ma':
- (a) pajjiżi terzi, inklużi dawk bi fruntieri ma' baċir tal-baħar Ewropew,
 - (b) atturi f'pajjiżi terzi,
 - (c) imsieħba u organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-impenji internazzjonali ta' restawr tal-ekosistema u ftehimiet pertinenti oħrajn;
4. L-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 3 għandhom jiġu segwiti skont l-għanijiet speċifiċi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 u b'koerenza mal-istrumenti ta' kooperazzjoni tal-UE, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-għanijiet tal-istrateġiji ta' żvilupp nazzjonali u reġjonali.

Artikolu 4

Azzjonijiet eliġibbli

Il-Programm jista' jipprovdi assistenza finanzjarja għall-azzjonijiet skont l-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3, bħal:

- (a) studji u programmi kooperattivi;

- (b) informazzjoni pubblika u l-qsim tal-aqwa prassi, tqajjim ta' kuxjenza u attivitajiet ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni assoċjati, inklużi avvenimenti u kampanji ta' pubbliċità, u l-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-websajts;
- (c) konferenzi, seminars, workshops, u fora tal-partijiet interessati;
- (d) il-ġbir, il-monitoraġġ, il-viżwalizzazzjoni u l-iżgurar tal-aċċess pubbliku għal ammont sinifikanti ta' data, l-aqwa prassi u database fuq proġetti reġjonali ffinanzjati mill-Unjoni, inkluż, fejn xieraq, permezz ta' segretarjat għal wieħed jew aktar minn dawn l-għanijiet;
- (e) azzjonijiet relatati ma' għodod trasversali, inklużi proġetti b'test.

Artikolu 5

Tip ta' intervent finanzjarju

1. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni tista' tiegħu l-forom legali li ġejjin:
 - (a) għotjiet;
 - (b) kuntratti ta' akkwisti pubbliċi;
 - (c) arranġamenti amministrattivi maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.
2. Kemm l-għotjiet għall-azzjonijiet kif ukoll l-għotjiet operattivi jistgħu jingħataw taħt il-Programm. Għajr jekk jiġi pprovdut mod ieħor fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "Regolament Finanzjarju"), il-benefiċjarji tal-għotjiet jew tal-kuntratti ta' akkwisti pubbliċi għandhom jintgħażlu wara sejħa għall-proposti jew sejħa għall-offerti.

Artikolu 6

Benefiċjarji

1. L-assistenza finanzjarja taħt il-Programm tista' tingħata lil persuni naturali jew legali, kemm jekk irregolata minn liġi privata jew minn liġi pubblika, inklużi aġenziji tal-Unjoni.
2. Mill-Programm jistgħu jibbenifikaw pajjiżi terzi, partijiet interessati fil-pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet jew korpi internazzjonali li jsegu wieħed jew aktar mill-għanijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3.
3. L-eliġibbiltà għall-parteċipazzjoni fi proċedura għandha tiġi speċifikata fis-sejħa għall-proposti jew is-sejħa għall-offerti rilevanti.

Artikolu 7

Proċeduri ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-Programm skont ir-Regolament Finanzjarju.

2. Sabiex timplimenta l-Programm, il-Kummissjoni għandha, skont l-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3, tadotta l-programmi ta' ħidma annwali skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).
3. Fir-rigward tal-għotjiet, il-programm ta' ħidma annwali għandu jistabbilixxi fid-dettall:
 - (a) il-prijoritajiet tas-sena, l-għanijiet li għandhom jiġu ssodisfati u r-riżultati previsti bl-appropriazzjonijiet awtorizzati għas-sena finanzjarja;
 - (b) it-titoli u s-suġġett tal-azzjonijiet;
 - (c) il-modalitajiet ta' implimentazzjoni;
 - (d) il-kriterji essenzjali tal-għażla u l-aġġudikazzjoni li għandhom jintużaw biex jintgħażlu l-proposti;
 - (e) jekk rilevanti, iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-aġġudikazzjoni ta' għotja mingħajr sejħa għall-proposti fuq il-bażi ta' waħda mill-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 168 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002;
 - (f) il-baġit massimu u r-rata massima possibbli ta' kofinanzjament għal kull azzjoni u, jekk ikunu previsti rati differenti, il-kriterji li għandhom jiġu segwiti għal kull rata;
 - (g) l-iskeda ta' żmien tas-sejħiet għall-proposti.
4. Fir-rigward tal-kuntratti ta' akkwisti pubbliċi, il-programm annwali għandu jistabbilixxi fid-dettall:
 - (a) it-titoli u s-suġġett tal-azzjonijiet;
 - (b) il-baġit massimu għal kull azzjoni;
 - (c) l-għan tal-azzjonijiet;
 - (d) il-modalitajiet ta' implimentazzjoni;
 - (e) il-kwadru ta' żmien indikattiv għat-tnedija tal-proċeduri ta' akkwisti
5. L-azzjonijiet taħt l-Artikolu 9 ma għandhomx jiġu koperti mill-programm ta' ħidma annwali.

Artikolu 8

Riżorsi baġitarji

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għandu jkun stabbilit għal EUR 50 000 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013.

2. Ir-riżorsi baġitarji allokat i għall-Programm għandhom jiddaħħlu fl-appropriazzjonijiet annwali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. L-appropriazzjonijiet annwali disponibbli għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju.

Artikolu 9

Assistenza Teknika

1. Il-pakkett finanzjarju stabbilit taħt l-Artikolu 8 jista' jkopri wkoll infiq meħtieġ relatat ma' kwalunkwe azzjoni preparatorja, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni meħtieġa direttament sabiex ir-Regolament jiġi implimentat b'mod effettiv u effiċjenti u sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.
2. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, infiq fuq għodda tal-informatika, sistemi u networks u kwalunkwe assistenza u kompetenza teknika, xjentifika u amministrattiva oħra mitluba mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Monitoraġġ

1. Il-benefiċjarju tal-assistenza teknika għandu jissottometti lill-Kummissjoni rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tal-ħidma ffinanzjata mill-Programm. Għandu jiġi sottomess ukoll rapport finali fi żmien tliet xhur mit-tlestija ta' kull proġett.
2. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki mwettqa mill-Qorti tal-Awdituri flimkien mal-korpi jew dipartimenti nazzjonali kompetenti ta' verifika skont l-Artikolu 287 tat-Trattat, jew kwalunkwe spezzjoni mwettqa skont l-Artikolu 322(1)(b) tat-Trattat, l-uffiċjali u persunal oħrajn tal-Kummissjoni għandhom iwettqu verifiki fuq il-post, inklużi verifiki kampjuni fuq proġetti u miżuri oħrajn iffinanzjati taħt il-Programm biex jiċċekkjaw, b'mod partikolari, il-konformità mal-għanijiet tal-Programm u l-eliġibbiltà tal-azzjonijiet kif stabbilit fl-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dan ir-Regolament.
3. Il-kuntratti u l-ftehimiet li jirriżultaw minn dan ir-Regolament għandhom jipprovdu, b'mod partikolari, għas-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni, jew minn kwalunkwe rappreżentant li tista' tawtorizza l-Kummissjoni, u għall-verifiki mill-Qorti tal-Awdituri, jekk ikunu meħtieġa, fuq il-post.
4. Il-benefiċjarju tal-assistenza finanzjarja għandu jżomm disponibbli għall-Kummissjoni, għal perjodu ta' ħames snin wara l-aħħar ħlas fir-rigward ta' kwalunkwe proġett, id-dokumenti kollha ta' sostenn rigward l-infiq fuq dak il-proġett.
5. Fuq il-bażi tar-riżultati tar-rapporti u l-verifiki kampjuni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, taġġusta l-iskala jew il-kundizzjonijiet tal-allokazzjoni tal-assistenza finanzjarja approvata oriġinarjament, kif ukoll l-iskeda ta' żmien għall-ħlasijiet.

6. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi l-oħrajn kollha meħtieġa biex tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati jitwettqu kif suppost u b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 11

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan il-Programm, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti permezz ta':
 - (a) l-applikazzjoni tal-miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attivitajiet illegali oħrajn,
 - (b) verifiki effettivi,
 - (c) l-irkupru tal-ammonti li għadhom ma tħallsux u,
 - (d) l-applikazzjoni ta' pieni effettivi, proporzjonali u dissważivi, jekk jinstabu xi irregolaritajiet.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha taġixxi skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95, ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.
3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tirkupra l-ammont ta' assistenza finanzjarja mogħtija għal azzjoni jekk hija ssib irregolaritajiet, inkluż nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew id-deċiżjoni individwali jew il-kuntratt jew ftehim tal-għoti tal-assistenza finanzjarja inkwistjoni, jew jekk jidher li, mingħajr ma tkun tfittxet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni kienet soġġetta għal bidla li tmur kontra n-natura jew il-kundizzjonijiet implimentattivi tagħha.
4. Jekk il-limiti taż-żmien ma jkunux ġew osservati jew jekk parti biss mill-assistenza finanzjarja allokata tiġi ġustifikata mill-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex jissottometti l-osservazzjonijiet matul perjodu ta' żmien speċifikat. Jekk il-benefiċjarju jonqos milli jagħti tweġiba sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tikkanċella l-assistenza finanzjarja li jifdal u titlob li jitħallsu lura s-somom diġà mħallsin.
5. Kwalunkwe ħlas żejjed għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni. L-imgħax għandu jiġi miżjud ma' kwalunkwe somma li ma titħallasx lura fil-ħin skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju.
6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, 'irregolarità' għandha tfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni, jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku li għandu, jew sejjer ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Unjoni jew il-baġits ġestiti mill-Unjoni permezz ta' entrata ta' infiq mhux ġustifikata.

Artikolu 12

Evalwazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport ta' evalwazzjoni ex-post lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 13

Kumitat Konsultattiv

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat Konsultattiv fit-twaqqif tal-programmi ta' ħidma annwali previsti fl-Artikolu 7(2).
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 3 u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Proposta mill-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata

2. QAFAS TA' ABM / ABB

Politika Marittima

3. LINJI TAL-BAĠIT

3.1. 11 09 05 Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata (IMP)

11 01 04 07 Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata (IMP) – Infiq fuq il-ġestjoni amministrattiva

3.2. It-tul tal-azzjoni u l-impatt finanzjarju:

Mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013

3.3. Karatteristiċi baġitarji:

Linja tal-baġit	Tip ta' nfiq		Ġdid	Kontribuzzjoni tal-EFTA	Kontribuzzjoni jiet minn pajjiżi applikanti	Intestatura f'perspettiva finanzjarja
11 09 05	Obbligatorju/ Mhux obbligatorju	Diff. ¹⁸	IVA	LE	LE	Nru 2
	Mhux applikabbli					
11 01 04 07	Obbligatorju/ Mhux obbligatorju	Mhux diff. ¹⁹	IVA	LE	LE	Nru 2

¹⁸ Approprjazzjonijiet differenzjati

¹⁹ Approprjazzjonijiet mhux differenzjati, li minn hawn 'il quddiem issir referenza għalihom bħala NDA

	Mhux applikabbli					
--	---------------------	--	--	--	--	--

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. *Sommarju tal-appropriazzjonijiet ta' impenn (commitment appropriations - CA) u tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas (payment appropriations - PA)*

EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Tip ta' nfiq	Nru. tat-taqsima		2011	2012	2013	Totali
--------------	------------------	--	------	------	------	--------

Infq operattiv²⁰

Appropriazzjonijiet ta' Impenn (CA)	8.1	a	16.260	16.560	16.780	49.600
Appropriazzjonijiet ta' Ħlas (PA)		b	7.355	14.443	17.512	39.310

Infq amministrattiv fl-ammont ta' referenza²¹

Assistenza teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4	c	0.100	0.100	0.200	0.400
--	-------	---	-------	-------	-------	-------

AMMONT TA' REFERENZA TOTALI

Appropriazzjonijiet ta' Impenn		a+c	16.360	16.660	16.980	50.000
Appropriazzjonijiet ta' Ħlas		b+c	7.455	14.543	17.712	39.710

Riżorsi umani u nfiq assoċjat (NDA)	8.2.5	d	1.000	1.000	1.000	3.000
Spejjeż amministrattivi, minbarra riżorsi umani u spejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6	e	0.155	0.157	0.160	0.472

Spiża finanzjarja indikattiva totali tal-intervent

CA TOTALI inkluż l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+c+d+e	17.515	17.817	18.140	53.472
PA TOTALI inkluż l-ispiża tar-Riżorsi Umani		b+c+d+e	8.610	15.700	18.872	43.182

L-appropriazzjonijiet ta' ħlas meħtieġa fl-2014 u l-2015 li huma relatati ma' appropriazzjonijiet ta' impenn għal infq operattiv matul il-perjodu 2011-2013 huma mistennija li jammontaw għal total ta' EUR 10 290.

Dettagli tal-kofinanzjament

²⁰ Infq li ma jaqax taħt il-Kapitolu 11 01 tat-Titolu 11 ikkonċernat.

²¹ Infq li jaqa' taħt l-artikolu 11 01 04 tat-Titolu 11

		2011	2012	2013	2014	totali
Korp tal-kofinanzjament						
	f					
CA TOTALI inkluż il-kofinanzjament	a+c+d+e+f					

4.1.2. *Il-kompatibbiltà mal-Programmazzjoni Finanzjarja*

Il-proposta sejra tinvolvi r-riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

4.1.3. *L-impatt finanzjarju fuq id-Dħul*

Il-proposta ma għandha ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul

4.2. **Riżorsi Umani FTE (inklużi uffiċjali, persunal temporanju u estern) – ara d-dettalji taħt il-punt 8.2.1.**

Ħtiġijiet annwali	2011	2012	2013
Għadd totali ta' riżorsi umani	9.4	9.4	9.4

5. **KARATTERISTIĊI U GĦANIJET**

5.1. **Jeħtieġ li jintlaħqu fi żmien qasir jew twil**

Kontinwazzjoni tal-ħidma biex jiġu esplorati l-għażliet għall-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata.

5.2. **Il-valur miżjud tal-involvement tal-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u s-sinerġija possibbli**

Il-baġit propost għandu jikkomplimenta u jsahha l-istrumenti finanzjarji eżistenti u futuri. L-isforzi li jaqgħu taħt dan il-Programm għandhom jikkomplimentaw, fejn xieraq, il-Linji Poliċi rilevanti tal-Unjoni relatati mal-konvenzjonijiet internazzjonali u reġjonali eżistenti u/jew il-ftehimiet ma' pajjiżi mhux membri fl-UE li huma attivi fir-reġjuni individwali, u għandhom iwasslu għall-ħolqien ta' rabtiet sostanzjali bejn dawn l-inizjattivi, li għandhom iżidu l-benefiċċji globali tagħhom. Barra minn hekk, l-azzjonijiet individwali sejrini ikunu komplimentari għall-ħidma kontinwa fuq l-istrateġiji makro-reġjonali tal-Ewropa.

5.3. **Il-miri, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati mal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM**

Cf. L-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament.

5.4. Il-Metodu ta' Implimentazzjoni (indikattiv)

L-appropriazzjonijiet baġitarji għal miżuri ffinanzjati taħt dan il-Programm għandhom jiġu implimentati mill-Kummissjoni fuq bażi ċentralizzata skont l-Artikolu 53 (a) tar-Regolament Finanzjarju. Madankollu, mhumiex esklużi metodi oħrajn ta' implimentazzjoni.

6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

6.1. Sistema ta' monitoraġġ

L-implimentazzjoni teknika u finanzjarja tal-azzjonijiet ifffinanzjati mill-Programm għandha tiġi mmonitorjata mill-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' rapporti ta' progress sottomessi lill-Kummissjoni mill-benefiċjarju u wkoll permezz ta' verifiki ta' monitoraġġ fuq il-post. Barra minn hekk, għandu jiġi sottomess rapport finali fi żmien tliet xhur mit-tlestija ta' kull proġett. Il-proġetti u azzjonijiet oħrajn ifffinanzjati mill-Programm se jkun soġġetti għal verifiki, inklużi verifiki esternalizzati lill-kuntratturi.

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante

Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja l-proposta jagħti ħarsa ġenerali lejn is-sejbiet u r-riżultati ewlenin tal-evalwazzjoni ex-ante.

6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja/ex-post (taġġlimiet minn esperjenzi simili fl-imġhoddi)

Sabiex jiġu żviluppatti proposti għal azzjoni tal-UE f'dan il-qasam, matul il-perjodu 2008-2010 bdew għadd ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji.

6.2.3. It-termini u l-frekwenza tal-evalwazzjoni fil-ġejjieni

Il-Programm, b'mod ġenerali, se jkun soġġett għal evalwazzjoni ex-post li għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

Skont l-Artikolu 27 (4) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 21 (3) tar-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, l-evalwazzjoni tas-sorveljanza marittima integrata u l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu għandhom isiru fl-2012, filwaqt li l-proġett ta' għarfien marittimu se jkun jiġi evalwat fl-2013.

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

L-Artikolu 10 tar-Regolament propost jirreferi għar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea²², ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra²³, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)²⁴.

²² ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

²³ ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

²⁴ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. Għanijiet tal-proposta f'termini tal-ispiża finanzjarja tagħhom

Appropriazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	
GĦAN OPERATTIV NRU. 1 ²⁵ Governanza Marittima Integrata									
Azzjoni 1: Djalogu strutturali mal-Istati Membri u r-reġjuni kostali									
Riżultat 1: Avvenimenti/workshops immirati biex jippromwovu l-governanza marittima integrata madwar l-UE			3	0.390	3	0.390	3	0.520	1.300
Azzjoni 2: Mezzi u pjattaformi ta' komunikazzjoni trans-settorjali fuq kwistjonijiet marittimi									

²⁵ Kif deskritt fit-Taqsima 5.3

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	
- Riżultat 1: Għodda tal-IT – Forum Marittimu fuq l-Internet			1	0.200	1	0.200	1	0.200	0.600
Riżultat 2: Segretarjat ta' netwerk tal-partijiet interessati mmirat biex jippromwovi u jiffaċilita l-qsim tal-informazzjoni, l-iskambju tal-aqwa prattiki, l-isfruttar u r-rinfurzar tas-sinerġiji u d-djalogu ma' u fost il-partijiet interessati fuq il-governanza marittima u l-linji politiċi settorjali li jħallu impatt fuq l-oċeani, l-ibħra u l-kosti			1	0.200	1	0.200	1	0.200	0.600
GĦAN OPERATTIV Nru. 2									
Attivitajiet fir-rigward tal-baċiri tal-baħar									
Azzjoni 1: Stati Membri tal-Mediterran li jaħdmu ma' Stati Membri oħrajn tal-Mediterran u/jew pajjiżi Mediterranji mhux fl-UE									

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-risultati)	Tip ta' risultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' risultati	Spiża totali	Nru. ta' risultati	Spiża totali	Nru. ta' risultati	Spiża totali	
- Risultat: Proġett bi prova biex jiddefinixxi approċċ komuni għall-governanza marittima f'sub-reġjun tal-Mediterran, fuq il-bażi ta' prinċipji miftiehma, il-koordinazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet u l-ġabra tar-riżorsi, u bħala kumpliment għal inizjattivi oħrajn fir-reġjun.					1	1.500			1.500
Azzjoni 2: Sub-reġjuni tal-Mediterran									
- Risultat 1: Studju biex jinbena l-għarfien dwar il-governanza marittima fis-sub-reġjuni marittimi ewlenin tal-Baħar Mediterran, u l-impatti inter-relatati tal-attivitajiet li jsiru			1	0.500					0.500
- Risultat 2: Studju biex jinbena l-għarfien dwar il-governanza marittima fis-sub-reġjuni marittimi ewlenin tal-Baħar Mediterran, u l-impatti inter-relatati tal-attivitajiet li jsiru (Kontinwazzjoni tar-risultat 1).							1	0.500	0.500
Azzjoni 3: L-Organizzazzjoni ta' Workshops fil-Mediterran									

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' rezultati	Spiża totali	Nru. ta' rezultati	Spiża totali	Nru. ta' rezultati	Spiża totali	
Riżultat 1: avvenimenti u workshops fil-qafas tal-Komunikazzjoni COM (2009)466 tal-11.09.2009.			1	0.100	1	0.100	1	0.100	0.300
Azzjoni 4: Forum reġjonali tal-Mediterran għall-Istati Membri tal-Mediterran u l-pajjiżi Mediterranji mhux fl-UE kkonċernati									
- Riżultat: It-twaqqif ta' forum fuq il-governanza fil-Mediterran, li jimmira għal amministrazzjonijiet, partijiet interessati, akkademiċi, esperti legali, il-ħolqien ta' rabtiet ma' inizzjattivi oħrajn fir-reġjun, u li jikkomplimentahom.					1	0.200	1	0.200	0.400
Azzjoni 5: Strateġiji reġjonali fl-Atlantiku, l-Arktiku u l-aktar Reġjuni Mbiegħda									
- Riżultat 1: studji għal għbir ta' informazzjoni dwar baċiri tal-baħar speċifiċi, l-identifikazzjoni ta' għażliet legali għall-ksib tal-oġettivi, l-evalwazzjoni tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali ta' dawn l-għażliet u l-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni;			1	0.300	1	0.300	1	0.300	0.900
Azzjoni 6: Studji u pjattaforma ta' partijiet interessati fil-Baltiku									
- Riżultat 1: studji, avvenimenti u workshops			1	0.200	1	0.150	1	0.150	0.500

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	
GĦAN OPERATTIV Nru. 3: Għodod għat-tfassil tal-Politika Integrata									
3.1 Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni (CISE) għas-Sorveljanza Marittima Integrata									
Azzjoni 3.1.1: L-iżvilupp ta' Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni (CISE)									
- Riżultat: studju dwar l-iżvilupp kunċettwali tas-CISE għall-qasam marittimu tal-UE			1	2.000					2.000
Azzjoni 3.1.2: Studju tekniku									
- Riżultat: Studju dwar l-interoperabbiltà u r-rekwiżiti tekniċi għall-iskambju tad-data					1	0.600			0.600
Azzjoni 3.1.3: Rekwiżiti legali u amministrattivi									
- Riżultat: studju						1	0.500		0.500
Azzjoni 3.1.4: Riżorsi finanzjarji									

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	
- Riżultat: studju dwar l-identifikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa għall-integrazzjoni tas-sorveljanza marittima					1	0.200			0.200
Azzjoni 3.1.5: L-evoluzzjoni tal-proġett SafeSeaNet									
- Riżultat: studju u proġett bi prova fuq l-implikazzjonijiet legali u tekniċi għall-iżvilupp ulterjuri tal-proġett SafeSeaNet bħala l-pjattaforma ewlenija għall-iskambju tal-informazzjoni fil-qasam Marittimu tal-UE fir-rigward ta' notifiki tal-wasla fil-, u t-tluq mill-portijiet, notifiki fuq oġġetti perikolużi, notifiki fuq is-sigurtà marittima, informazzjoni dwar l-inċidenti u l-aċċidenti, AIS, LRIT u l-monitoraġġ tat-tniġġis, bil-għan li din l-informazzjoni ssir disponibbli għal komunitajiet utenti rilevanti oħrajn minbarra dawk ikkonċernati mis-sigurtà marittima, is-sikurezza marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat minn vapuri kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn l-integrazzjoni tas-sorveljanza marittima: Ambjent komuni għall-qsim tal-informazzjoni għall-qasam marittimu tal-UE" COM(2009)538 finali, taqsima 4.2.1, p. 7					1	0.350	1	0.350	0.700

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	
3.2 L-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSP) u l-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali (ICZM									
Azzjoni 3.2.1: L-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSP) għal żoni marittimi magħżula tal-UE									
- Riżultat 1: Proġett bi prova fuq l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (transkonfinali) fl-Ibħra Ċeltiċi			1	0.500					0.500
- Riżultat 2: Proġett bi prova fuq l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (transkonfinali) fil-Bajja ta' Biscay					1	0.500			0.500
- Riżultat 3: Proġett bi prova fuq l-IMP fil-Mediterran			1	0.900					0.900
Riżultat 4: Proġett bi prova fuq l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (transkonfinali) fil-Baħar tat-Tramuntana					1	0.500			0.500
- Riżultat 5: Proġett bi prova fuq l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (transkonfinali) fil-Baħar l-Iswed							1	0.500	0.500
Azzjoni 3.2.2.: L-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu f'kuntest transkonfinali ma' pajjiżi mhux membri tal-UE fil-Mediterran u l-Baħar Baltiku									
- Riżultat 1: Proġetti bi prova fil-Baħar Baltiku							1	0.900	0.900

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	
- Riżultat 2: Proġett bi prova fil-Mediterran					1	1.000			1.000
Azzjoni 3.2.3.: Konferenzi mal-partijiet interessati fuq l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu, inklużi konferenzi bil-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi									
- Riżultat: avvenimenti/workshops għall-partijiet interessati bl-aqwa prattiki u l-implimentazzjoni tal-MSP			1	0.100	1	0.100	1	0.100	0.300
Azzjoni 3.2.4.: L-iżvilupp ta' network/pjattaforma ta' esperti fuq l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu									
- Riżultat: network/pjattaforma ta' partijiet interessati - L-iżvilupp ta' network/pjattaforma ta' esperti fuq l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu			1	0.050	1	0.050	1	0.050	0.150
Azzjoni 3.2.5: Rabtiet tal-MSP mal-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali (ICZM)									
- Riżultat 1: proġett fuq ir-rabtiet tal-MSP mal-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali (ICZM)			1	0.750					0.750
Riżultat 2: Il-qsim tal-aqwa prattiki fuq il-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali (ICZM), f'kuntest ta' adattament għat-tibdil fil-klima fiż-żoni kostali					1	0.500			0.500
3.3 Data u Għarfien dwar il-Baħar									
Azzjoni 3.3.1: L-Iżvilupp ulterjuri ta' ur-EMODNET									

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-risultati)	Tip ta' risultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' risultati	Spiża totali	Nru. ta' risultati	Spiża totali	Nru. ta' risultati	Spiża totali	
- Risultat 1: l-aġġornar ta' saffi ta' data fiżika u bijoloġika							3	5.900	5.900
- Risultat 2: l-aġġornar ta' saffi kimiċi			1	1.400					1.400
- Risultat 3: il-ħolqien ta' saffi ta' attività umana			1	1.500					1.500
- Risultat 4: il-ħolqien ta' saffi ta' batimetrija b'riżoluzzjoni għolja					1	5.500			5.500
- Risultat 5: it-tlestija ta' mappa ġeoloġika			1	3.300					3.300
- Risultat 6: Punti ta' kontroll tal-baċiri tal-baħar			1	0.750			2	1.500	2.250
- Risultat 7: Segretarjat għal EMODNET (il-ġestjoni tal-kuntratti, l-organizzazzjoni ta' laqgħat)			1	0.450	1	0.450	1	0.450	1.350
-Risultat 8: il-manutenzjoni tas-saffi eżistenti					1	0.400	2	0.900	1.300
GĦAN OPERATTIV Nru. 4:									
Il-promozzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-IMP									
Azzjoni 1: L-affarijiet marittimi tal-UE fil-kuntest ta' laqgħa internazzjonali									
- Risultat: avvenimenti u workshops			2	0.100	2	0.100	2	0.100	0.300

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	
Azzjoni 2: Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi f'laqgħat/seminars internazzjonali li jittrattaw l-affarijiet marittimi									
- Riżultat: avvenimenti u workshops			2	0.100	2	0.100	2	0.100	0.300
GĦAN OPERATTIV Nru. 5									
Id-definizzjoni tal-limiti tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet marittimi permezz tal-implimentazzjoni tal-MSFD									
Azzjoni 1: Koordinazzjoni bejn ir-reġjuni marittimi differenti (il-Grigal tal-Atlantiku, il-Mediterran, il-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed) fl-implimentazzjoni tal-approċċ tal-ekosistema									
Riżultat 1: Pjattaforma ta' koordinazzjoni permanenti għall-kooperazzjoni inter-reġjonali fir-rigward tal-valutazzjoni, l-iffissar tal-miri u l-monitoraġġ tal-ibħra marittimi, li jinvolvu l-OSPAR, il-Konvenzjoni ta' Barċellona, HELCOM u l-Konvenzjoni ta' Bukarest.			1	0.200	1	0.200	1	0.300	0.700
Riżultat 2: Workshop regolari dwar il-progress lejn stat ambjentali tajjeb tal-ibħra marittimi tal-Grigal tal-Atlantiku, il-Mediterran, il-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed			1	0.100	1	0.100	1	0.100	0.300
Azzjoni 2: Appoġġ għall-iżvilupp ta' standards metodoloġiċi fir-rigward ta' stat ambjentali tajjeb tal-ibħra taħt l-MSFD			1	0.700	1	0.300	1	0.500	1.500

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-risultati)	Tip ta' risultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' risultati	Spiża totali	Nru. ta' risultati	Spiża totali	Nru. ta' risultati	Spiża totali	
Azzjoni 3: Studju dwar l-oriġini, il-firxa u l-miżuri possibbli fir-rigward tat-tniġġis tal-baħar, inklużi l-problemi emerġenti hekk imsejħa 'plastic soup', bħala kontribut sabiex jiġi indirizzat it-tħassib trans-settorjali fil-qafas tal-approċċ tal-ekosistema (link għad-deskrizzjoni 10 fl-Anness I tal-MSFD)			1	0.400	1	0.500	1	0.600	1.500
Azzjoni 4: Proġett għad-determinazzjoni tal-modalitajiet ta' azzjoni ta' sostenn mill-Kummissjoni Ewropea, skont l-Artikolu 5(3) MSFD, għal reġjuni identifikati bħala proġett pilota fejn l-istat tal-baħar huwa tant kritiku li jkun jeħtieġ azzjoni urġenti			1	0.200	1	0.200	1	0.300	0.700
Azzjoni 5: Proġett fuq tħassib ambjentali fl-Arktiku fil-qafas tal-kooperazzjoni għall-protezzjoni tal-Grigal tal-Atlantiku							1	0.400	0.400
GĦAN OPERATTIV Nru. 6:									
It-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi u l-innovazzjoni									
Azzjoni 1: Azzjoni fuq it-tbaħħir mingħajr tniġġis									
- Riżultat: studji u workshops li jappoġġjaw it-tbaħħir mingħajr tniġġis fl-Istrateġija tal-Baħar Baltiku					1	0.250	1	0.250	0.500
Azzjoni 2: Edukazzjoni u impjiegi marittimi									
- Riżultat: avvenimenti u workshops dwar it-taħriġ, iċ-ċertifikazzjoni u l-karrieri fil-professjonijiet marittimi			2	0.100			2	0.100	0.200

(Għandhom jiġu pprovduti t-titoli tal-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	Tip ta' riżultat	L-ispiża medja	2011		2012		2013		Spiża totali
			Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	Nru. ta' riżultati	Spiża totali	
Azzjoni 3: Titjib tal-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku marittimu sostenibbli									
- Riżultat: studji mmirati għall-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' miżuri fuq livell tal-UE li jistgħu jgħinu biex jiżblukkaw il-potenzjal tat-tkabbir u l-impjiegi fl-ekonomija marittima					1	0.350	1	0.450	0.800
GĦAN OPERATTIV Nru. 7: Iż-Żieda tal-Viżibbiltà tal-Ewropa Marittima									
Azzjoni 1: Disseminazzjoni u Komunikazzjoni permezz tal-Atlas Ewropew tal-Ibħra									
- Riżultat: Għodod tal-IT, inklużi database spazjali u sistema ta' informazzjoni ġeografika on-line			1	0.770	1	0.770	1	0.760	2.300
Spiża Totali				16.260		16.560		16.780	49.600

8.2. Infiq Amministrattiv

8.2.1. L-għadd u t-tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi		Il-persunal li jrid jiġi assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni li tuża r-riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (l-għadd ta' karigi/FTEs)		
		2011	2012	2013
Uffiċjali jew persunal temporanju ²⁶ (11 01 01)	A*/AD	4.00	4.00	4.00
	B*, C*/AST	2.40	2.40	2.40
Persunal iffinanzjat ²⁷ skont l-art. 11 01 02		3.00	3.00	3.00
Persunal ieħor ²⁸ iffinanzjat skont l-art. 11 01 04/05				
TOTAL		9.40	9.40	9.40

8.2.2. Deskrizzjoni tal-kompiti li jirriżultaw mill-azzjoni

It-tniżżil tat-termini ta' referenza għall-istudji, it-tħejjija tas-sejħiet għall-proposti għal għotjiet u sejħiet għall-offerti; in-negozjar tal-għotjiet, verifikazzjoni ex-ante, kontroll ex-post, l-organizzazzjoni ta' laqgħat, l-evalwazzjoni tal-proposti u l-offerti, il-monitoraġġ tal-konsenji, l-ipproċessar tal-pagamenti

8.2.3. Sorsi tar-riżorsi umani (statutorji)

- ☒ Karigi u persunal estern li bħalissa huma allokat i għall-ġestjoni tal-programm li jridu jinbidlu jew jiġu estiżi

Il-ħtiġijiet għar-riżorsi umani għandhom jiġu koperti mill-allokazzjoni mogħtija diġà għall-ġestjoni ta' din l-azzjoni u/jew implimentata mill-ġdid fi ħdan id-DĠ.

²⁶ Li l-ispiża tagħhom MHIJEX koperta mill-ammont ta' referenza

²⁷ Li l-ispiża tagħhom MHIJEX koperta mill-ammont ta' referenza

²⁸ Li l-ispiża tagħhom hija inkluża fl-ammont ta' referenza

8.2.4. *Infq Amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Infq fuq il-geštjoni amministrattiva)*

EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Linja tal-baġit (numru u intestatura)	2011	2012	2013	totali
1 Assistenza teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati mal-persunal)				
Aġenziji eżekuttivi ²⁹				
Assistenza teknika u amministrattiva oħra				
- <i>intra muros</i>				
- <i>extra muros</i>	0.100	0.100	0.200	0.400
Assistenza teknika u amministrattiva totali	0.100	0.100	0.200	0.400

8.2.5. *L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Tip ta' riżorsi umani	2011	2012	2013
Uffiċjali u persunal temporanju (11 01 02 01)	0.781	0.781	0.781
Persunal iffinanzjat mill-Art 11 01 02 01 (END, persunal b'kuntratt, eċċ.)	0.219	0.219	0.219
L-ispiża totali tar-Riżorsi Umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)	1.000	1.000	1.000

Kalkolazzjoni – Uffiċjali, Aġenti Temporanji u Persunal iffinanzjati skont l-art. 11 01 02 01

L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani hija stmata fuq il-bażi tal-ispejjeż medji pprovduti mill-Kummissjoni li għandhom jintużaw għall-estimi tar-riżorsi umani:

Aġent uffiċjali u temporanju: 122 000 euros fis-sena

Espert Nazzjonali ssekondat: 73 000 euros fis-sena

²⁹ Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija(i) Eżekuttiva(i) kkonċernata(i).

Aġent kuntrattwali: 64 000: euros fis-sena

8. 2. 6. *Infiq Amministrattiv ieħor mhux inkluż fl-ammont ta' referenza*

EUR miljuni (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	2011	2012	2013	TOTALI
11 01 02 11 01 – Missjonijiet	0.020	0.020	0.020	0.060
11 01 02 11 02 – Laqgħat tal-Grupp ta' Esperti	0.100	0.100	0.100	0.300
11 01 02 11 03 – Kumitat Konsultattiv biex jassisti lill-Kummissjoni fit-twaqqif tal-programmi ta' ħidma annwali previsti fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament li jistabbilixxi Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata, skont l-Artikolu 3 u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE (żewġ laqgħat fis-sena)	0.035	0.037	0.040	0.112
11 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet				
11 01 02 11 05 – Sistemi ta' informazzjoni				
2 Infiq Amministrattiv Ieħor Totali (XX 01 02 11)				
3 Infiq ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika billi tinkludi referenza għal-linja tal-baġit)				
Infiq Amministrattiv Totali, għajr spejjeż tar-riżorsi umani u spejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)	0.155	0.157	0.160	0.472

Il-ħtiġijiet għall-appropriazzjonijiet amministrattivi għandhom jiġu koperti mill-allokazzjoni mogħtija diġà għall-ġestjoni ta' din l-azzjoni u/jew implimentata mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, ikkomplimentata, kif jista' jkun il-każ, minn kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ amministrattiv fil-qafas tal-proċedura annwali tal-allokazzjoni fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Kalkolazzjoni – <i>Infq amministrattiv ieħor <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta’ referenza</i>
Il-Grupp ta’ Esperti għall-Osservazzjoni u d-Data Marittima jissorvelja l-proġetti ta’ għarfien marittimu u jiltaqa’ erba’ darbiet fis-sena. Dawn diġà qegħdin jimmonitorjaw l-azzjonijiet preparatorji u l-istima ġiet ibbażata fuq l-esperjenza f’dan ix-xogħol.
L-infq għal-laqgħat tal-Kumitat Konsultattiv kien stmat fuq il-bażi tar-regoli tal-Kummissjoni dwar il-ħlas lura lill-esperti.